By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st October, 2026, Application number 918/2026 by The State Advocate, whereby following the application Emanuel Bugeja, bachelor, son of the late Reno Bugeja and Maryanne Bugeja née Borg, born in St Paul's Bay, Malta, on the 2nd July, 1948, aged 83, residing at 54, Triq San Ġorġ, Cospicua, Malta, and holding identity card number 00583848M, was incapacitated by means of a decree given on the 6th October, 2026, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Illum 8 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 8th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2644

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fit-3 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 213/2015 fl-ismijiet Helena Bartolo (KI 503175M) vs Raymond Bartolo (KI 264872M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Raymond Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 213/15 ippreżentat fl-24 ta' Frar, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti ħasset ruħha aggravata mis-sentenza datata 27 ta' Jannar, 2026, u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi l-Ewwel Qorti dehrilha li tuża r-rapport redatt mill-perit legali Dott. Christine Bellizzi bħala l-bażi li fuqu toħroġ ir-riżultanzi tagħha meta tali rapport kellu jiġi mwarrab għalkollox għaliex kien ġie mfassal fuq biss parti żgħira mill-provi proċesswali miġjuba;

2. Illi l-Ewwel Qorti ukoll skartat l-istess prinċipji dwar il-piż tal-oneru tal-provi, il-kredibbiltà tax-xhieda, il-valutar tal-istess provi u jekk dawn kienu korroborata o meno;

3. Illi kien hemm nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipju tal-kredibbiltà tax-xhieda tal-konvenut u dawk ta' ħutu, fejn tirritjeni li l-art li ġiet akkwistata mill-konvenut sabiex fuqha nbniet id-dar matrimonjali u kellha titqies bħala proprjetà parafernali tal-konvenut.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza datata 27 ta' Jannar, 2026, billi tirriformaha billi tali responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ tiġi ddikjarata bħala assenjabbli lill-konvenut, tilqa' l-ħames talba sabiex jiġu applikati kontra l-konvenut id-dekadenzi kkontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, tiddikjara li d-dar 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, In-Naxxar, hija ta' proprjetà komuni bejn il-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom u li l-appellat jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-prim'istanza.

Notifika: Raymond Bartolo, 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 8 ta' Ottubru, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction on the 3rd June, 2026, in the records of Application No. 213/2015 in the names Helena Bartolo (ID 503175M) vs Raymond Bartolo (ID 264872M) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Raymond Bartolo in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal Application number 213/15 filed on the 24th February, 2026, in the names premised, the appellant felt aggrieved by the judgment dated 27th January, 2026, and is thus filing this humble appeal before this Honourable Court on the following grounds:

1. The First Court saw fit to use the report drawn up by the court expert, Dr Christine Bellizzi, as the basis upon which to issue its findings, when such a report ought to have been entirely set aside because it had been drawn up on the basis of only a small part of the procedural evidence brought forward;

2. The First Court also discarded the same principles concerning the burden of proof, the credibility of witnesses, the evaluation of the said evidence, and whether or not this was corroborated;

3. There was a failure to protect the principle of the credibility of the testimony of the defendant and those of his siblings, where it held that the land acquired by the defendant on which the matrimonial home was built ought to be considered as the defendant's paraphernal property.

Therefore the appellant requests that this Honourable Court reforms the judgment dated 27th January, 2026, by modifying it, declaring such responsibility for the breakdown of the marriage as is assignable to the defendant, upholding the fifth plea so that the forfeitures contemplated in Article 48 of the Civil Code be applied against the defendant, declaring that house at address 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, Naxxar, is a common property held by the parties in their own name and that the respondent be condemned to pay the judicial expenses of the first instance.

Notification: Raymond Bartolo, 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, Naxxar

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 8th October, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell,fit-3 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 214/2015 fl-ismijiet Helena Bartolo (KI 503175M) vs Raymond Bartolo (KI 264872M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Raymond Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 214/15 ippreżentat fl-24 ta' Frar, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti ħasset ruħha aggravata mis-sentenza datata 27 ta' Jannar, 2026, u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Illi l-Ewwel Qorti dehrilha li tuża r-rapport redatt mill-perit legali Dott. Christine Bellizzi bħala l-bażi li fuqu toħroġ ir-riżultanzi tagħha meta tali rapport kellu jiġi mwarrab għalkollox għaliex kien ġie mfassal fuq biss parti żgħira mill-provi proċesswali miġjuba;

2. Illi l-Ewwel Qorti ukoll skartat l-istess prinċipji dwar il-piż tal-oneru tal-provi, il-kredibbiltà tax-xhieda, il-valutar tal-istess provi u jekk dawn kienu korroborata o meno;

3. Illi kien hemm nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipju tal-kredibbiltà tax-xhieda tal-konvenut u dawk ta' ħutu, li tirritjeni li l-art li ġiet akkwistata mill-konvenut sabiex fuqha nbniet id-dar matrimonjali kellha titqies bħala proprjetà parafernali tal-konvenut.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza datata 27 ta' Jannar, 2026, billi tirriformaha billi:

a) Tali responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ tiġi ddikjarata bħala assenjabbli lil-konvenut, u tirrevokaha billi tiċħad il-ħames talba;

b) Tirriforma d-deċide tas-sitt talba billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat id-data ta' Diċembru, 2013, bħala d-data li fiha l-appellanti rrendiet ruħha ħatja tal-firda bejn il-partijiet;

c) Tirriformaha nkwantu, kemm-il darba, jiġi milqugħ it-tieni aggravju, l-attur appellat jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-prim'istanza.

Notifika: Raymond Bartolo, 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 8 ta' Ottubru, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction on the 3rd June, 2026, in the records of the application 214/2015 in the names Helena Bartolo (ID 503175M) vs Raymond Bartolo (ID 264872M) the following publication was ordered for the purpose of effecting service of Raymond Bartolo in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal Application Number 214/15 filed on the 24th February, 2026, in the names premised, the appellant felt aggrieved by the judgement dated 27th January, 2026, and is thus filing this humble appeal before this Honourable Court on the following grounds:

1. The First Court saw fit to use the report drawn up by the court expert, Dr Christine Bellizzi, as the basis upon which to issue its findings, when such a report ought to have been entirely set aside because it had been drawn up on the basis of only a small part of the procedural evidence brought forward;

2. The First Court also discarded the same principles concerning the burden of proof, the credibility of witnesses, the evaluation of the said evidence, and whether or not this was corroborated;

3. There was a failure to protect the principle of the credibility of the testimony of the defendant and those of his siblings, where it held that the land acquired by the defendant on which the matrimonial home was built ought to be considered as the defendant's paraphernal property..

Therefore, the appellant requests this Honourable Court reforms the judgement dated 27th January, 2026, by modifying it by declaring:

a) Such responsibility for the breakdown of the marriage is declared to be assignable to the defendant (appellant), revoking it by rejecting the fifth claim;

b) It reforms the decision of the sixth claim by revoking it in that part where it declared the date of December 2013 as the date on which the appellant rendered herself at fault for the separation between the parties;

d) It reforms it insofar as, provided that the second ground of appeal is upheld, the appellee (respondent plaintiff) is condemned to pay the judicial costs of the first instance.

Notification: Raymond Bartolo, 59, Woodbine, Triq in-Nissieġ, Naxxar

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 8th October, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2646

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fil-15 ta' Lulju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Numru 100/2015, fl-ismijiet Mario Schembri et vs Dorothy Vassallo, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Dorothy Vassallo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell numru 100/15, ippreżentat fil-5 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrenti appellanti jissottomettu li ħassewhom aggravati b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-17 ta' April, 2026, fejn it-talbiet tagħhom ġew miċħuda filwaqt illi l-Bord laqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimata appellata. Hija assolutament erronea l-parti dispożittiva tas-sentenza li rriteniet illi l-esponenti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-appellata ħalliet id-dar residenzjali tagħha.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-esponenti appellanti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tannulla s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera u allura jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti appellanti u jordna l-iżgumbrament tal-appellata mill-fond mertu tal-kawża u kwindi jipprefiġġi terminu li fih l-intimata appellata għandha tiżgombra mill-appartament mertu tal-kawża biex l-istess appartament jirritorna fit-tgawdija tar-rikorrenti/appellanti – dan isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha li għandha timponi din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellata.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 100/15, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-28 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: Dorothy Vassallo, 33/2, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Settembru, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree dated the 15th July, 2026, delivered by the Court of Appeal (Inferior jurisdiction) in the records of Application number 100/2015 in the names Mario Schembri et vs Dorothy Vassallo, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Dorothy Vassallo in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas in Appeal application number 100/15, filed on the 5th May, 2026, the appellant applicants submit that they felt aggrieved by a judgment of the Rent Regulation Board dated the 17th April, 2026, whereby their demands were dismissed whilst the Board upheld the pleas submitted by the respondent. It is absolutely erroneous that operative part of the judgment held that the exponents failed to prove that the respondent left her residential home.

Therefore, for these motives the appellants respectfully request that this Honourable Court annuls the judgment given by the Honourable Rent Regulation Board and thus upholds the demands of the appellants and orders the eviction of the respondent from the premises merits of the cause and thus sets a time limit within which the respondent is to vacate the apartment de quo so that the same apartment returns to the enjoyment of the appellant – this shall be done under all those provisions that this Honourable Court deems fit to impose, with costs of both instances against the same respondent.

Sworn application number 100/15, in the names above mentioned is deferred to the 28th October, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Dorothy Vassallo, 33/2, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex

Registry of the Superior Courts, this day, 30th September, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2647

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 8th of October, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior

Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2026, ġie ordnat li jinħatar kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta l-interessi tas-soċjetà Michael Zammit Holdings Limited u Michael Angelo Zammit fl-atti tas-Subbasta bin-numru 3/2026 NCD fl-ismijiet 'Ta' Vella Company Limited et vs Michael Zammit Holdings Limited et', liema rikors għall-ħatra ta' kuratur deputat ġie ppreżentat fil-25 ta' Ġunju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jaqra hekk:

Fl-atti tas-Subbasta numru 3/2025 preżentata fis-16 ta' Lulju, 2025, fl-ismijiet:

Ta' Vella Company Limited et

vs

Michael Zammit Holdings Limited et

Rikors tas-soċjetà Ta' Vella Company Limited ta' 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Ir-Rabat, Għawdex, bin-numru ta' reġistrazzjoni C85618, u ta' John Vella ta' 29, Triq San Pawl, Il-Munxar, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 3468G.

Jesponu bir-rispett:

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-23 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet Ta' Vella Company Limited vs Michael Zammit Holdings Limited et (Rikors Ġuramentat numru 104/2022 (BS)), liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) permezz ta' sentenza fl-istess ismijiet tas-6 ta' Mejju, 2025, liema sentenza għalhekk għaddiet in ġudikat u saret definittiva, l-imsemmija Michael Zammit Holdings Limited u Michael Zammit ġew ordnati sabiex in solidum iħallsu s-somma ta' disgħa u għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€29,745.17) oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji kollha, inkluż ukoll spejjeż doppji fl-istadju tal-appell u dan hekk kif ordnat fl-imsemmija sentenzi.

Illi barra minn hekk, permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-4 ta' Novembru, 2022, fl-ismijiet Michael Angelo Zammit noe et vs John Vella et (Rikors numru 136/2022 (SG)) il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-imsemmi rikors bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Dawn jammontaw għal mitejn u sitta u tletin ewro (€236.00) oltre l-imgħaxijiet;

Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law serves as notification according to article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 8th of October, 2026, it was ordered that a deputy curator be appointed according to law to represent the interests of the company Michael Zammit Holdings Limited and Michael Angelo Zammit, in the acts of the Sale by Auction bearing number 3/2026 NCD in the names 'Ta' Vella Company Limited et vs Michael Zammit Holdings Limited et', which application for the appointment of a deputy curator was filed on the 25th of June, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts, which application reads thus:

In the acts of the Sale by Auction number 3/2025 filed on the 16th of July, 2025, in the names:

Ta' Vella Company Limited et

vs

Michael Zammit Holdings Limited et

Application of the company Ta' Vella Company Limited of 'Kevin', Triq l-Imgħallem, Victoria, Gozo, with registration number C85618, and of John Vella of 29, Triq San Pawl, Munxar, Gozo, holder of identity card number 3468G.

Respectfully submit:

Whereas, by virtue of a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section on the 23rd of February, 2024 in the names Ta' Vella Company Limited vs Michael Zammit Holdings Limited et (Sworn Application number 104/2022 (BS)), which judgment was confirmed by the Court of Appeal (Superior) via a judgment in the same names of the 6th of May 2025, and has consequently become res judicata and final, the said Michael Zammit Holdings Limited and Michael Zammit were ordered to pay in solidum the sum of twenty-nine thousand, seven hundred and forty-five euro and seventeen cents (€29,745.17), in addition to interest and all judicial costs, including double costs at the appeal stage and this as ordered in the said judgments.

Furthermore, by means of a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 4th of November, 2022, in the names Michael Angelo Zammit noe et vs John Vella et (Application number 136/2022 (SG)), the Court rejected the claims made in the said application, ordering the applicants to pay the costs. These amount to two hundred and thirty-six euro (€236.00) plus interest;

Illi wkoll permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-8 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet Michael Angelo Zammit et vs Giovann Vella et (Rikors numru 56/2023 (BS)) il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti Zammit bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Dawn jammontaw għal mitejn u ħamsa u sebgħin ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€275.86) oltre l-imgħaxijiet;

Illi l-ammont dovuti mill-intimati sa issa, ai termini tal-istess titoli eżekuttivi, huwa s-segwenti:

104/2022

Ammont dovut skont is-sentenza msemmija: €29,745.17

Imgħax bit-8% dovut sal-lum – imgħax ulterjuri riżervat: €7,041.05

Spejjeż u drittijiet dovuti skont l-imsemmija proċeduri: €5,743.16

Total: €42,529.38

136/2022

Spejjeż u drittijiet dovuti skont l-imsemmija proċeduri; €236.00

Imgħaxijiet bit-8% dovut sal-lum – imgħax ulterjuri riżervat: €61.81

Total: €297.81

56/2023

Spejjeż u drittijiet dovuti skont l-imsemmija proċeduri: €275.86

Imgħaxijiet bit-8% dovut sa llum – imgħax ulterjuri riżervat: €72.25

Total: €348.11

Grand Total: €43,175.30

Illi sal-lum l-intimati ma għamlu l-ebda pagament fuq dan l-ammont;

Illi s-soċjetà intimata Michael Zammit Holdings Limited hija proprjetarja ta':

a) Porzjoni diviża ta' art tal-kejl ta' madwar mija u tlieta u ħamsin metru kwadru (153 m.k.), drabi oħra indikata bħala

Likewise, by means of a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section on the 8th of November 2023, in the names Michael Angelo Zammit et vs Giovann Vella et (Application number 56/2023 (BS)), the Court rejected the claim made by the applicant Zammit, ordering the applicants to pay the costs. These amount to two hundred and seventy-five euro and eighty-six cents (€275.86) plus interest;

The amount currently due by the respondents, pursuant to the said executive titles, is as follows:

104/2022

Amount due under the aforementioned judgment: €29,745.17

Interest at 8% due to date – further interest reserved: €7,041.05

Costs and fees due under the said proceedings: €5,743.16

Total: €42,529.38

136/2022

Costs and fees due under the said proceedings: €236.00

Interest at 8% due to date – further interest reserved: €61.81

Total: €297.81

56/2023

Costs and fees due under the said proceedings: €275.86

Interest at 8% due to date – further interest reserved €72.25

Total: €348.11

Grand Total: €43,175.30

That to date, the respondents have made no payment towards this amount;

That the respondent company, Michael Zammit Holdings Limited, is the owner of:

a) A divided portion of land measuring approximately one hundred and fifty-three square metres (153 m²) previously

li fiha kejl ta' madwar mija u ħamsin metru kwadru (150 m.k.), jew bil-kejl kollu li fiha, liema art tikkonfina Lvant in parti ma' proprjetà tal-Maġistrat Dott. Monica Vella u in parti ma' proprjetà tal-istess Michael Zammit Holdings Limited, mill-Punent ma' proprjetà ta' Island Farmhouses Limited, u min-Nofsinhar ma' eredi ta' Salvu Xiberras. Din il-proprjetà ġiet akkwistata minn Michael Zammit Holdings Limited bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Enzo Dimech tal-ħdax (11) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u li tinsab indikata bin-numru tnejn u bil-kulur aħmar fuq il-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt. Din l-art hija aċċessibbli minn fuq beni ta' terzi;

Illi kopja tal-kuntratt tal-akkwist u l-pjanta relattiva qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A;

Illi l-esponenti jixtiequ li din il-proprjetà tinbiegħ biex huma jkunu jistgħu jitħallsu mill-proventi tal-bejgħ tagħha;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi tordna ai termini tal-Artikolu 305 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta, il-bejgħ bis-subbasta tal-immobbli fuq deskritti.

(ft) L-Av. Joshua Grech, 94, Triq San Girgor, Ta' Kerċem, Għawdex

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Maġistrat Dott. Natalino Caruana De Brincat, LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 8 ta' Ottubru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)

described as measuring approximately one hundred and fifty square metres (150 m²), or by whatever actual area it comprises, which land is bounded on the east partly by property belonging to Magistrate Dr Monica Vella and partly by property belonging to Michael Zammit Holdings Limited itself, on the west by property belonging to Island Farmhouses Limited, and on the south by the heirs of Salvu Xiberras. This property was acquired by Michael Zammit Holdings Limited by virtue of a contract drawn up by Notary Doctor Enzo Dimech on the eleventh (11th) of June, of the year two thousand and seven (2007) and is indicated by the number two and the colour red on the plan attached to the said contract. This land is accessible via third-party property;

That a copy of the acquisition contract and the relevant plan are being attached hereto and marked as Doc. A;

That the applicants wish for this property to be sold so that they may be paid from the proceeds of the sale;

Therefore, the petitioners respectfully request this Honourable Court for the reasons stated above to order pursuant to Article 305 of Cap. XII of the Laws of Malta, the sale by auction of the immovable property described above.

(sgd.) Adv. Joshua Grech, 94, Triq San Girgor, Ta' Kerċem, Gozo

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to appear as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so desires.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the said timeframe, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Natalino Caruana De Brincat LLD (Melit.), MBA, LLM (Leics), Magistrate of the aforementioned Court.

This 8th of October, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2648

Banda għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Settembru, 2026, fuq talba ta' Pecunia European Properties Limited ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Lawrence Said Dudley Ward fl-atti tal-protest ġudizzjarju numru 275/2026, fl-ismijiet Pecunia European Properties Limited vs Lawrence Said Dudley Ward et u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' protest gudizzjarju numru 275/2026 ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Settembru, 2026, fl-ismijiet Pecunia European Properties Limited (C106124) vs Kuraturi Deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti Lawrence Said Dudley Ward, kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Denise Sanguy, Caroline, Rita Said Dudley Ward (KI 552180M) f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanti ta' wliedha minuri … omissis … ta' 77, 'Villa Claddagh', Triq ir-Russett, San Ġwann; Timothy Lawrence Said Dudley Ward (KI 282595M) ta' 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, L-Imġarr MGR1522; Clara Kathlyn Said Dudley Ward (KI 207399M) ta' 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, L-Imġarr MGR 1522; u Claire Vella ta' Daisy Daisy by JA Vella Household, 269, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, fejn permezz tal-preżenti Pecunia European Properties Limited (C106124) esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjetà protestanti hija l-proprjetarja tal-proprjetajiet bin-numru 266, 267 u 269A fi Triq San Pawl, Il-Belt Valletta;

Illi l-imsemmija proprjetajiet huma in parte sovrapposti għall-proprjetà, ossija ħanut Daisy Daisy by J A Vella Household, 269, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta illi huwa preżentament ġestit mill-intimata Claire Vella;

Illi s-soċjetà protesanti hija komproprjetarja tal-ħanut fuq imsemmi (269, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta) flimkien mal-intimati l-oħra ħlief l-intimata Vella f'sehem ta' ħamsa minn tmintax (5/18);

Illi minħabba negliġenza u nuqqas ta' kura mill-intimata Vella tas-saqaf tal-imsemmi ħanut, illi naturalment hija l-art tal-ewwel sular (first floor) tal-proprjetà tas-soċjetà protestanti l-art qiegħda ċċedi;

Illi s-soċjetà protestanti tixtieq illi tibda' tagħmel użu kummjerċjali mill-proprjetajiet tagħha sovrastanti lill-imsemmi ħanut iżda hija miżmuma milli tagħmel hekk

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 15th September, 2026, following a request of Pecunia European Properties Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the vacant inheritance of Lawrence Said Dudley Ward in the records of the judicial protest number 275/2026, in the names Pecunia European Properties Limited vs Lawrence Said Dudley Ward et and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial protest number 275/2026 filed in the First Hall of the Civil Court on the 7th September, 2026, in the names Pecunia European Properties Limited (C106124) vs Deputy Curators to represent the vacant inheritance of Lawrence Said Dudley Ward, deputy curators to represent the absentee Denise Sanguy, Caroline-Rita Said Dudley Ward (ID 552180M) in her own name and as legitimate representative of her minor children … omisses … of 77, 'Villa Claddagh', Triq ir-Russett, San Ġwann; Timothy Lawrence Said Dudley Ward (ID 282595M) of 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, Mġarr MGR 1522; Clara Kathlyn Said Dudley Ward (ID 207399M) of 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, Mġarr MGR 1522; and Claire Vella of Daisy Daisy by JA Vella Household, 269, Triq San Pawl, Valletta, whereby my means of this present Pecunia European Properties Limited (C106124) respectfully submits:

That the applicant is the owner of the properties with numbers 266, 267 and 269A in Triq San Pawl, Valletta;

That the said properties are in part overlying the property, that is shop Daisy Daisy by J A Vella Household, 269, Triq San Pawl, Valletta, which is presently managed by the respondent Claire Vella;

That the applicant is the co-owner of the shop above mentioned (269, Triq San Pawl, Valletta) together with the other respondents except the respondent Vella in a share of five out of eighteen (5/18);

That due to negligence and lack of care by the respondent Vella of the roof of the said shop, which naturally is the floor of the first floor (first floor) of the property of the applicant company the land is collapsing;

That the applicant company wishes to start making commercial use of its properties overlying the said shop but is prevented from doing so due to the bad state of the roof

appuntu minħabba l-istat ħażin tas-saqaf tal-imsemmi ħanut sottostanti – allura l-art tal-proprjetà sovrastanti;

Illi dan is-saqaf għandu jissewa u jitqiegħed fi stat tajjeb u stabbli mingħajr dewmien ieħor;

Illi s-soċjetà protestanti hija lesta mhux biss illi tħallas sehemha mill-imsemmija xogħlijiet izda hija lesta wkoll taroga de proprio il-prezz ossija spejjeż tax-xogħlijiet kollha meħtiega, salv id-dritt tagħha ta' rimborż mill-protestati jew min minnhom;

Illi għal biex isiru l-imsemmija xogħlijiet huwa fl-ewwel lok meħtieg illi s-soċjetà protestanti tingħata l-pussess temporanju tal-imsemmi ħanut mill-intimata Vella u tingħata wkoll mill-istess intimata Vella l-permess illi jsiru dawn ix-xogħlijiet meħtieġa mis-soċjetà protestanti u sabiex ukoll jingħataw aċċess għall-istess ħanut in-nies ta' professjoni u sengħa hekk imqabbda minnha, jaċċedu għall-ħanut u jagħmlu x-xogħljiet kollha meħtieġa.

Għaldaqstant, is-soċjetà protestanti tinterpella lill-protestati kollha u b'mod partikolari lill-intimata Claire Vella sabiex:

a) Mingħajr dewmien u żgur mhux wara t-22 ta' Settembru, 2026, u filwaqt illi l-intimata Vella tiżgura illi tbattal l-imsemmi ħanut mill-oġġetti kollha illi fil-fehma tal-istess intimata Vella jistgħu jiġu mgħarrqa matul ix-xogħlijiet, jagħtu l-aċċess liberu tal-fond 269, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, lis-soċjetà protestanti u n-nies ta' professjoni u sengħa hekk mqabbda mill-protestanti għal fini illi jsiru x-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex is-saqaf tal-imsemmi fond jissewwa u jitqiegħed fi stat tajjeb illi jista' jintuża mingħajr aktar ħsara u/jew perikolu u fl-istess waqt u bis-saħħa tal-preżenti;

b) Qiegħda tpoggi lill-istess intimati in dolo mora u colpa skont il-ligi; u

c) Iżżommhom responsabbli għad-danni kollha minnha sofferti u dawk li tista' ssofri fil-futur.

Bl-ispejjeż u b'riserva tad-drittijiet oħra spettanti.

Protestanti: St Angelo Mansions, Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Il-Birgu BRG 1738

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

of the said underlying shop – thus the floor of the overlying property;

That this roof is to be repaired and put in a good and stable state without further delay;

That the applicant company is willing not only to pay its share of the said works but is also ready to pay de proprio the price or rather the costs of all the necessary works, saving its right to be reimbursed by the respondents or either of them;

That for the carrying out of the said works it is in the first place necessary that the applicant company be given temporary possession of the said shop by the respondent Vella and also given by the same respondent Vella permission that the necessary works be carried out by the applicant company and in order to also be given access to the same shop the people of a profession and trade so engaged by her, access the shop and carry out all the necessary works.

Thus, the applicant company calls upon all the respondents and in particular the respondent Claire Vella to:

a) Without delay and certainly not after the 22nd September, 2026, and whilst the respondent Vella ensures that the said shop is emptied from all the objects which in the opinion of the same respondent Vella can be destroyed during the works, give free access of the premises 269, Triq San Pawl, Valletta, to the applicant and its professionals as so engaged for the purpose of carrying out all the necessary works so that the roof of the said mentioned premises is repaired and put in a good state which can be used without further damage and/or danger and at the same time and by virtue of the present;

b) Is putting the same respondents on formal notice according to law; and

c) Holds them liable for all damages suffered by it and those which it may suffer in the future.

With costs and saving any other rights due.

Applicants: St Angelo Mansions, Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Vittoriosa BRG 1738

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Simone Grech, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 15 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Simone Grech, LLD, Doctor of Laws.

Today 15th September, 2026

Registry of the Superior Courts, today 9th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2649

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2026, mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 428/2026, fl-ismijiet (rikorrenti) Peter Paul Camilleri et vs (intimat) Wajdi Kashlut ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Wajdi Kashlut a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (rikorrenti) Peter Paul Camilleri (KI 819339M) u Caroline Camilleri (KI 904444M) vs (intimat) Wajdi Kashlut (KI 0143452A), fit-18 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Peter Paul Camilleri (KI 819339M) u Caroline Camilleri (KI 904444M) talbu lil dan l-Onorabbli Qorti:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond: 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira

Sentenza: skont sentenza wara l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Rikors numru 495/2022/1JVC) mogħtija fil-11 ta' Novembru, 2025, kopja legali ta' liema qed tiġi annessa u mmarakata bħala Dok. A, liema sentenza għaddiet in ġudikata stante li kienet ingħatat mill-Qorti tal-Appell, liema sentenza qatt ma ġiet kointestata.

Illum 18 ta' Marzu, 2026

Ippreżentant mill-Avukat Axl Camilleri u l-PL Nadine Farrugia

Mandat ta' Żgumbrament

By means of a decree of the 19th June, 2026, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Eviction number 428/2026 in the names (Applicant) Peter Paul Camilleri et vs (respondent) Wajdi Kashlut the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Wajdi Kashlut in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (applicants) Peter Paul Camilleri (ID 819339M) and Caroline Camilleri (ID 904444M) vs (respondent) Wajdi Kashlut (ID 0143452A), filed on the 18th March, 2025, the applicants Peter Paul Camilleri (ID 819339M) and Caroline Camilleri (ID 904444M) asked this Honourable Court:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa, Gżira

Judgement: according to a judgement following the cause in the names above premised (Applicatio number 495/2022/1JVC) given on the 11th November, 2025, a legal copy of which is being attached and marked as Doc. A, which judgement was passed in gudikata since it was given by the Court of Appeal, which judgement was never contested

Today 18th March, 2026

Filed by Dr Axl Camilleri and PL Nadine Farrugia.

Warrant of Eviction

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Ligi, Imħallef tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 20 ta' Marzu, 2026

Intimat notifika: Wajdi Kashlut, 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th March, 2026

Notification respondent: Wajdi Kashlut, 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa, Gżira

Registry of the Superior Courts, today 9th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2650

Banda għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Settembru, 2026, fuq talba ta' Pecunia European Properties Limited ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Denise Sanguy fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4207/2026, fl-ismijiet Pecunia European Properties Limited vs Lawrence Said Dudley Ward et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Settembru, 2026, Pecunia European Properties Limited ta' St Angelo Mansions Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Il-Birgu BRG 1738, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Lawrence Said Dudley Ward, kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Denise Sanguy, Caroline-Rita Said Dudley Ward (KI 552180M) f'isimha proprju u bħala leġittima rappreżentanti ta' wliedha minuri … omissis …, ta' 77, 'Villa Claddagh', Triq ir-Russett, San Ġwann; Timothy Lawrence Said Dudley Ward (KI 282595M) ta' 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, L-Imġarr MGR1522; Clara Kathlyn Said Dudley Ward (KI 207399M) ta' 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, L-Imġarr MGR 1522, fejn permezz tal-preżenti Pecunia European Properties Limited qiegħda tinterpellakhom sabiex ilkoll tersqu għad-diviżjoni tal-fond ossija ħanut imsemmi 'Daisy Daisy by J A Vella Household', bin-numru 269, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, u dan sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn mil-lum.

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 15th September, 2026, following a request of Pecunia European Properties Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent Denise Sanguy in the records of the judicial letter number 4207/2026, in the names Pecunia European Properties Limited vs Lawrence Said Dudley Ward and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 7th September, 2026, by Pecunia European Properties Limited of St Angelo Mansions Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Vittoriosa BRG 1738, against deputy curators nominated to represent the vacant inheritance of the late Lawrence Said Dudley Ward, deputy curators nominated to represent the absentee Denise Sanguy, Caroline-Rita Said Dudley Ward (ID 552180M) in her own name and as legitimate representatives of her minor children … omissis …, of 77, 'Villa Claddagh', Triq ir-Russett, San Ġwann; Timothy Lawrence Said Dudley Ward (ID 282595M) of 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, Mġarr MGR 1522; and Clara Kathlyn Said Dudley Ward (ID 207399M) of 41, 'Rose Apts', Flat 5, Triq Santa Marija, Mġarr MGR 1522, Pecunia European Properties is soliciting you to come forward for the division of the premises or rather the shop named 'Daisy Daisy by J A Vella Household', with number 269, Triq San Pawl, Valletta, and this by not later than two weeks from today.

Jekk dan iż-żmien jgħaddi inutilment, il-mittenti jipproċedu kontra tagħkom mingħajr avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż

Mittenti: Pecunia European Properties Limited ta' St Angelo Mansions Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Il-Birgu BRG 1738

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Simone Grech, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 15 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

If this time passes uselessly, the interpellants shall proceed against you without further notice.

So much so that you may know how to proceed

With costs

Interpellant: Pecunia European Properties Limited of St Angelo Mansions Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Vittoriosa BRG 1738

Notifications: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Simone Grech, LLD, Doctor of Laws.

Today 15th September, 2026

Registry of the Superior Courts, today 9th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2651

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Settembru, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michael Agius et vs Melvin Zammit, Rikors numru 200/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Melvin Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Michael Agius (KI 328259M), Bartholmew Agius (KI 328359M) u Ishmael Agius (KI 297390M) vs Melvin Zammit (KI 535587M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-10 ta' Ġunju, 2026, ir-rikorrenti Michael Agius (KI 328259M), Bartholmew Agius (KI 328359M) u Ishmael Agius (KI 297390M) talbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of a decree of the 4th September, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Michael Agius et vs Melvin Zammit, Application number 200/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Melvin Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Michael Agius (ID 328259M), Bartholmew Agius (ID 328359M) and Ishmael Agius (ID 297390M) vs Melvin Zammit (ID 535587M), filed in the Rent Regulation Board, on the 10th June, 2026, the applicants Michael Agius (ID 328259M), Bartholmew Agius (ID 328359M) and Ishmael Agius (ID 297390M) requested this Honourable Board so that:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-garaxxijiet kummerċjali bin-numri wieħed (1) u tlettax (13) sitwati fil-basement level minus one (-1) parti mill-kumpless li nbena fuq is-sit magħruf bħala Tal-Mitħna fil-kontrada Ta' Midorbu llum riferut bħala Sqaq il-Mitħna, off Mqabba Road, Il-Qrendi, u dan stante illi l-istess intimat qiegħed jokkupa l-istess garaxxijiet abbużivament mingħajr titolu legali;

3. Jordna lill-intimat sabiex ineħħi u jieħu miegħu kull oġġett u effett personali li jinsabu ġol-garaxxijiet fuq indikati, kif ukoll sabiex jiżgombra minnufih il-partijiet komuni tal-istess kumpless billi jneħħi l-vetturi tiegħu minn hemm u dan sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jerġgħu jgawdu u jirriprendu l-pussess paċifiku u l-użu sħiħ tal-partijiet komuni inkwistjoni;

4. Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu lura l-pussess tal-garaxxijiet fuq indikati u tal-partijiet komuni.

5. Tikkundanna lill-intimat iħallas dawk il-pendenzi kollha ta'arretrati ta' kera sad-data tar-rilaxx effettiv inkluż kwalsijasi kontijiet tad-dawl u ilma u kontijiet oħrajn sal-effettiv żgumbrament jekk ikun il-każ;

6. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €500 kuljum li jkompli fl-okkupazzjoni illegali tiegħu f'każ li jħalli t-trminu impost mill-Qorti biex jiżgombra jgħaddi inutilment u dan ai termini tal-artikolu 1(b) tal-kuntratt ta' lokazzjoni tal-15 ta' Ġunju, 2024.

U dan taħt dawn il-provvediemnti li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat

Rikorrenti: Bethesda, Triq il-Vjatku, Il-Qrendi

Intimat: Ġuża u Ninu, Flt 5, Triq Ġużeppi Busuttil, Is-Siġġiewi

Ir-rikors fl-ismijiet Michael Agius et vs Melvin Zammit, Rikors numru 200/2026CZ, jinsab differit għas-27 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

